SANCTA CATHARINA,
ZURRICANORUM PATRONA

Edizzjoni Nru. 5
Awissu - Settembru - Ottubru 2005

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt

Festi Ċentinarji Katarinjani



## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonnici*



*Il-President waqt serata ġewwa l-Italja*

### Waslet is-Siegħa tal-Prova

Ktibt dan il-messaġġ l-għada li ttella' l-Musical 'Jisimni Katarina' fuq iz-zuntier tal-Knisja fl-okkażjoni tas-sbatax-il ċentinarju mill-mewt ta' Santa Katarina u d-dħul glorjuż tagħha fis-sema. Mhux se noqgħod nagħmel eloġji dwar dan l-ispettaklu meraviljuż għax l-eluf ta' nies li attendew huma xhieda ħajja ta' dan l-avveniment li żgur se jibqa' fil-memorja ta' kulħadd speċjalment tat-tfal. Wara ħidma kbira li saret minn dawk kollha li daħlu għal dan ix-xogħol kbir u s-sagrifiċċji enormi li ġarrbu sabiex ittella' dan il-Musical, ngħid biss li ninsab kuntent ħafna li konna ta' servizz għall-komunità taż-Żurrieq u li bħala Soċjetà urejna kemm għandna nies kapaċi. Nixtieq nirringrazzja lill-pubbliku inġenerali li attenda bi ħġaru u li bid-dixxiplina u l-koperazzjoni li wera tajna xhieda ta' kemm aħna poplu matur.

Issa waslu ż-żewġ festi li niċċelebraw fir-raħal tagħna. M'għandix dubju li l-qima u l-imħabba lejn il-Madonna hija kbira u għalhekk dan għandu jkun mumemt fejn permezz ta' din il-festa nkomplu nuru d-devozzjoni tagħna lejn il-Madonna u l-istess imħabba lejn xulxin. Sitt ġimgħat wara niċċelebraw b'solennità kbira l-festa ta' Santa Katarina Verġni u Martri patruna taż-Żurrieq.

Matul is-sena jsiru ħafna appelli sabiex ma nħallux il-pika sfrenata tal-festi itellifna mill-ħbiberija u l-istima li għandna jkollna lejn xulxin bħala aħwa Żrieraq. Issa wasal iż-żmien tal-prova fejn naraw jekk dawn l-appelli waqgħux fuq widnejn torox jew jekk ħallejnihomx jagħmlu ftit bidla ġewwa fina. Qiegħed nitkellem b'mod inġenerali u żgur mhux qiegħed nindirizza dan il-messaġġ lejn il-membri u l-partitarji tas-Soċjetà tagħna biss, għalkemm naf li peress li dan huwa ġurnal intern, ikunu ftit l-oħrajn li jaqrawh. Anke jekk dawn ma jaqrawhx jew jinjorawh, għandna nkunu aħna l-ewwel li nippruvaw nagħtu eżempju tajjeb b'għemilna.

M'għandix għalfejn infakkar li qegħdin ngħixu s-solennità ta' ċentinarju li jfakkarna fil-Patruna tagħna Santa Katarina. Xi jkun jiswielna dan iċ-Ċentinarju jekk l-imġieba tagħna fil-festi tkun l-istess bħal tas-snin l-oħra? Għalhekk nappellalkom li, filwaqt li nieħdu pjaċir b'dawk il-ħafna attivitajiet popolari li norganizzaw flimkien, inwarrbu dak it-tgħajjir u nsulti bla sens u li jagħmlu biss diżunur lil min jgħidhom. Jiena sinċerament nittama li l-festa tal-Madonna tal-Karmnu tkun waħda nadifa, iżda nixtieq nappella lill-partitarji tas-Soċjetà tagħna sabiex ma nirrikorrux għal tpattija jekk ħaddieħor jiżbalja. Ġest ħażin m'għandux jitpatta b'ieħor għax minflok nirranġaw dak il-ħażen inkunu wettaqna ieħor.

Minn qalbi nawgura li nkomlu ngħixu flimkien din l-esperjenza ta' dan iċ-ċentinarju u li nagħmlu dak kollu possibli sabiex ikun verament ċentinarju qaddis li jghinna nimxu fuq il-passi tal-Qaddisa Patruna tagħna Santa Katarina u nagħtu glorja u ġieħ lil Alla.



*Francesco Zahra, Il-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina, c1755 li jinsab fil-Knisja Arċipretali u Matriċi ta' Santa Katarina V.M., Żurrieq.*



# BORD EDITORJALI:


| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Sammut Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Camilleri Anna | Rappreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Emanuel | Rappreżentant Sezzjoni Nar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |


# EDITORJAL

Diġà għaddiet sena minn meta ħarġet l-ewwel edizzjoni ta' din il-gazzetta, u fil-fatt wasalna fil-ħames edizzjoni. Wara sena ta' ħidma nixtieq nirringrazzja lill-Bord Editorjali u lill-isponsors kollha, li mingħajrhom din il-gazzetta ma kinetx tkun possibli. Nirringrazzja wkoll lil kull min ikkontribwixxa bl-ideat u bl-artikli, kif ukoll lilkom il-membri li tajtuna s-suġġerimenti tagħkom biex inkomplu ntejbu l-kwalità ta' din il-pubblikazzjoni. Fl-aħħar u mhux l-inqas nirringrazzja wkoll lit-tfal kollha li qed jibagħtulna l-ittri, kemm biex jieħdu sehem fil-kompetizzjoni, kif ukoll biex jawgurawlna u jagħtu l-opinjoni tagħhom. Inħeġġiġkom tkomplu tindirizzaw l-ittri tagħkom hekk: ***L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.*** Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li nisma' mingħandkom stess kemm qed issibu din il-gazzetta nteressanti u naf li tkunu qed tistennewha bi ħġarkom. Madanakollu, xi drabi qed ikunhemm ċirkustanzi li m'għandix kontroll fuqhom li qed iġegħluna ntawlu ftit biex nippublikaw il-gazzetta. Niskuża ruħi għal xi dewmien żgħir li seta' kien hemm fil-passat, u nirringrazzjakom tas-sapport. Nixtieq ukoll infakkarkom biex jekk tkunu tridu xi kopji żejda tal-gazzetta tavviċinawna minnufih.

*Waslet festa oħra, din is-sena żgur bil-wiżq aktar mistennija minn snin oħra. Nixtieq nagħti prosit lil kull min ħadem biex iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju kienu suċċess, u m'għandi l-ebda dubju li l-kbir għadu ġej.*

*Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, speċjalment lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom lill-Patruna tar-raħal għażiż tagħna, dik li sa minn dejjem għażlu u ħabbew missirijietna,* ***SANTA KATARINA V.M.***

*~ Lorna Darmanin - Editriċi*






## Website Uffiċjali
## www.stcatherineband.org.mt

Minn Mark Cassar

Il-website bħalissa qiegħda tiġi miżjuda b'diversi affarijiet u sezzjonijiet li għandhom jiġu mtellgħin online dalwaqt. Il-parti tal-website tas-Sezzjoni Żgħażagħ hija l-aktar waħda li se tiġi miżjuda peress li din il-parti tal-website se tikber u tiġi maqsuma f'diversi sezzjonijiet oħra fosthom Membri, Attivitajiet Futuri, Lejla Maltija, Palmisti Promotions, Attivitajiet Oħra, Storja, Briju u Pubblikazzjonijiet. Hawnhekk ser ikun hawn ħafna aktar informazzjoni dwar is-Sezzjoni Żgħażagħ tas-Soċjetà Mużikali tagħna.

Ritratti ser jibqgħu dejjem jiġu aġġornati b'ritratti ġodda t'attivitajiet li jkunu għadhom kemm saru organizzati. Il-website se tibqa' taġġornakom b'kull attività li tkun se ssir, issa li dejjem qed joqorbu l-festi ċentinarji. Għalhekk, idħlu żuru l-website tagħna ta' spiss biex tkunu aġġornati b'kull ma jkun qiegħed jiġri fis-Soċjetà tagħna.



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

## (Dettalji fis-sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)

| | | |
|---|---|---|
| 04/08/05 | Filgħaxija | Get Together il-Każin - xahar qabel il-festa. |
| 06/08/05 | Filgħaxija | BBQ ġewwa l-Għadira. |
| 12/08/05 | 6.00pm | Pellegrinaġġ devozzjonali ġol-Monasteru Santa Katarina il-Velt Valletta. |
| 14/08/05 | 8.00pm | Servizz tal-Banda ġewwa l-Qrendi għall-Festa ta' Santa Marija. |
| 15/08/05 | 7.30pm | Servizz tal-Banda ġewwa l-Qrendi nhar il-Festa ta' Santa Marija. |
| 21/08/05 | 10.00am | Ftuħ uffiċjali tal-Maħżen il-ġdid tas-Soċjetà. |
| 21/08/05 | 9.00pm | Fiera u marċ mill-Banda Santa Katarina ġo Bubaqra għall-Festa ta' Santa Marija. |
| 24/08/05 | Filgħaxija | Riċeviment fil-Każin fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Katarina V.M. |
| 25/08/05 | 8.00am | Coffee Morning ġewwa San Pawl Hotel Bugibba. |
| 25/08/05 | 7.30pm | Inawgurazzjoni ta' statwa ġdida tal-Papa Ġwanni Pawlu II fi Pjazza Mattia Preti. |
| 26/08/05 | Filgħaxija | Palmisti Fest organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ. |
| 27/08/05 | Filgħaxija | Lejla Maltija Grandjuża. |
| 28/08/05 | 7.00pm | Il-Banda Santa Katarina V.M. iddoqq fi ħruġ il-vara min-niċċa. |
| 28/08/05 - 04/09/05 | | FESTA TAL-PATRUNA SANTA KATARINA V.M. TA' LIXANDRA. |
| 01/09/05 | 8.30pm | Marċ minn Triq il-Kbira u Programm Vokali u Strumentali fuq il-Planċier. |
| 02/09/05 | 8.30pm | Dimostrazzjoni bl-istatwa fejn tieħu sehem il-Banda Santa Katarina V.M. |
| 03/09/05 | 10.30am | Marċ tradizzjonali mill-Banda Santa Katarina V.M. |
| 04/09/05 | 8.30am | Il-Banda takkumpanja lill-konċelebrant għall-quddiesa pontifikali. |
| 04/09/05 | 10.45pm | Marċ iddedikat lis-Sezzjoni Nar mill-Banda Santa Katarina V.M. |
| 10/09/05 | Filgħaxija | BBQ fil-Post tan-Nar organizzat mis-Sezzjoni Dilettanti tan-Nar. |
| 25/09/05 | 6.30pm | Marċ għall-Festa ta' Santa Katarina ġewwa d-Daħla r-Rabat. |
| 07/10/05 | 7.00pm | Marċ u Programm Mużikali għall-Festa tal-Madonna tar-Rużarju. |

## Rokna tan-Nisa *- Anna Camilleri*



*Iċ-Chairperson Emma Mallia flimkien mal-President tas-Soċjetà*



*Il-membri tal-Kumitat tal-Fergħa Nisa 2005*

Għeżież membri, reġa' qed joqrob sew dak iż-żmien li kull waħda minna tkun tant tistenna. Il-festa tal-Patruna tagħna ż-Żrieraq qiegħda magħna u għalhekk il-ħidma tagħna tibda tilħaq il-qofol tagħha. Din is-sena hija waħda speċjali għaliex qegħdin infakkru l-1700 sena mill-martirju ta' Santa Katarina. Hemm ippjanati festi kbar li żgur kull wieħed u waħda minna mhux se jinsa malajr.

Din is-sena għall-pellegrinaġġ devozzjonali tant mistenni minna ser immorru post ġdid. Dan huwa l-monasteru ta' Santa Katarina tas-Sorijiet tal-Klawsura ġewwa l-Belt Valletta. Il-ġurnata se tkun il-Ġimgħa 12 t'Awissu u niltaqgħu ħdejn tal-linja fis-6.00pm. Il-Coffee Morning ta' qabel il-festa se jkun il-Ħamis 25 t'Awissu u se nagħmluh Buġibba f'San Pawl Hotel. Niltaqgħu ħdejn tal-linja fit-8.00am. Aħsbu kmieni għall-biljetti. Ser ikollna attivitajiet oħra li jitħabbru aktar tard, għalhekk oqogħdu attenti għall-posters li se nagħmlu fil-ħwienet u xi nformazzjoni oħra mingħand il-membri tal-Fergħa Nisa. Il-Fergħa Nisa qiegħda tieħu ħsieb il-Function tat-Turisti li qiegħda ssir kull nhar ta' Tlieta filgħodu fil-Każin. Din qiegħda tkun utli bħala fund raising. Fil-bidu t'Awissu membri tas-Sotto Kumitat se jkunu jagħmlu l-ġabra tas-soltu ta' qabel il-festa għall-baned u għalhekk minn qabel nirringrazzjakom tal-ġenerożità tagħkom.

Din is-sena l-Fergħa Nisa ħadet ħsieb il-ħjata ta' tliet Bandalori oħra li se jkomplu jżejnu Pjazza Mattia Preti. Fl-aħħar nett nixtieq nappellalkom sabiex min jista' jagħti xi għajnuna rigward it-tindif fil-każin għall-festa javviċina lill-membri tal-Fergħa Nisa. Kull għajnuna hija apprezzata ħafna. Nawgura Festa u Ċentinarju mill-aqwa lil kulħadd u Santa Katarina Patruna tagħna ż-Żrieraq tkompli tħarisna u tberikna.

***Dawk il-ġenituri kollha li jixtiequ jiktbu lit-tfal tagħhom biex jilbsu ta' anġli nhar il-Festa ta' Santa Katarina waqt il-marċ tan-nar, għandhom jikkuntattjaw lil Marthese Bugeja fuq 21685916 jew lil Connie Tanti fuq 21689048.***

## Għat-Tfal *- Anna Maria*

Kif intom? Kif sejrin fil-vaganzi? Jien ukoll qed ingawdi l-vaganzi bħalkom, nistenna wkoll bil-ħerqa li jaslu l-ġranet tal-festa tagħna, ħalli ngawdihom mal-familja u ma' sħabi kollha. Nispera tfal, li fil-vaganzi mhux nilagħbu u mmorru l-baħar biss ta! Jien u nikteb dawn il-ftit kelmiet, staqsejt mistoqsija lili nnifsi: kieku Santa Katarina qiegħda tgħix fiż-żminijiet tagħna llum, kieku kif tqattgħu ż-żmien tal-vaganzi?

L-istorja ta' Santa Katarina kulħadd jafha, u żgur li kollha kemm aħna rajna l-musical sabiħ 'Jisimni Katarina'. Fil-musical rajna lil Santa Katarina tiltaqa', titkellem u tgħallem lin-nies. Lil kulħadd kienet tilqa' Santa Katarina: xjuħ, tfal, morda, foqra, sinjuri. Allura naħseb li Santa Katarina, li bħalkom ukoll kienet tmur l-iskola, fil-vaganzi kienet tagħmel ħafna xogħol biex tgħin lil min hu fil-bżonn. Huma ħafna dawk, anke miż-Żurrieq stess, li fil-vaganzi jagħżlu li jmorru jgħinu lit-tfal orfni fl-istituti jew anke jsiefru barra minn Malta, biex jgħinu lill-missjunarji fil-ħidma tagħhom. Santa Katarina kienet missjunarja kbira, għax kienet tgħin mhux biss lil dawk li ma kellhomx x'jieklu u x'jilbsu, imma anke lil dawk li kienu għadhom ma semgħux b'Ġesù.

Imma aħna kif nistgħu nkunu missjunarji? Nistgħu nibdew mid-dar stess. Matul il-ġurnata għandna nagħtu daqqa t'id fix-xogħol tad-dar, fit-tisjir u anke fix-xiri. B'hekk inkunu nixbħu ħafna lil Santa Katarina, li barra li kienet tħobb tgħin, kienet ukoll tirrispetta ħafna lill-ġenituri tagħha. Nistgħu ngħinu lil xi familjari jew ġirien li forsi ma tantx jifilħu. Ħafna anzjani jieħdu pjaċir ħafna bil-kumpanija tagħkom. Kemm hemm affarijiet li nistgħu nagħmlu! Issa li riesqa l-festa, tajjeb ukoll li dawk li huma daqxejn kbar fl-età, jagħtu daqqa t'id lil dawk li jarmaw it-toroq jew il-knisja . Jien ċerta li barra li tgħinu biex ikollna festa sabiħa, intom titgħallmu ħafna affarijiet u tagħmlu ħbieb ġodda.

Jien nixtiqilkom vaganzi mill-isbaħ, vaganzi li fihom titgħallmu affarijiet ta' ġid. Nawguralkom ukoll il-festa t-tajba u nħeġġiġkom biex tattendu kemm għall-marċijiet kif ukoll għall-funzjonijiet tal-knisja.

Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-edizzjoni numru 4 huma Mark Cauchi, Kurt Camilleri u Yanika Saliba. Dawn se jirċievu 'soft toy' bħala rigal. Il-kompetizzjoni għal din l-edizzjoni hi: Pinġi stampa li turi lil Santa Katarina tgħin lill-morda u lill-foqra ta' Lixandra. Il-festa t-tajba u Viva Santa Katarina!

## Sezzjoni Nar *- Is-Sur Emmanuel Farrugia*

Dħalna fis-Sajf u miegħu jiġu l-festi. Kull kamra tan-nar toħroġ dak kollu li jkun ippreparat matul ix-xhur tax-Xitwa. Ix-xogħol tan-nar miexi sewwa b'entużjażmu, grazzi għal dawk kollha li qegħdin jieħdu sehem.

F'isem is-sotto kumitat nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li ħadu sehem u li attendew għall-attivitajiet li tellajna matul is-sena. Dawn l-attivitajiet kienu suċċess kbir għalina għax bihom investejna f'makkinarju u affarijiet oħra ta' siwi. Din is-sena, li hija s-sena taċ-Ċentinarju, qed tittella' attività kulturali jew soċjali kull xahar, fosthom il-musical 'Jisimni Katarina' li għamel suċċess kbir, grazzi għal dawk kollha li bihom seta' jittella' dan il-musical. Is-sotto kumitat jixtieq jagħ-laq billi nħe-ġġu lil kul-ħadd biex jgħin fil-ġbir ta' matul il-festi, u nawguraw festa mill-aqwa lil kulħadd. Grazzi mill-ġdid. **Viva Santa Katarina V.M.**



*Pressa li nxtrat din is-sena biex tgħin fix-xogħol tan-Nar*

**APPELL**

1.Matul il-jiem tal-Festa Titulari nieħdu sehem aktar waqt il-funzjonijiet reliġjużi li jsiru f'ġieħ il-Patruna tagħna Santa Katarina V.M. Inħeġġu lil kulħadd biex jersaq lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin.
2. Infakkru lill-Fratelli tal-Konfraternità tas-Sagrament u tal-Qalb ta' Ġesù biex jattendu għat-Translazzjoni s-Sibt 3 ta' Settembru 2005 fil-5.45p.m. u għall-purċissjoni l-Ħadd 4 ta' Settembru 2005 fis-7.15p.m.
3. Nappellaw liż-Żrieraq biex iqiegħdu xbihat ta' Santa Katarina V.M. mal-faċċata tad-dar matul il-jiem tal-Festa Titulari. Nawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.
4. Fil-jiem tal-Festa nisimgħu RADJU SANTA KATARINA 90.6FM STEREO.



*Parti mix-xogħol tan-nar għall-Festa 2005*



# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

**AWISSU 2005**

**Il-Ħadd 14 t'Awissu** fit-8.30pm il-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel servizz ġewwa l-Qrendi għall-festa ta' Santa Marija. L-ewwel se tesegwixxi programm fuq il-planċier quddiem il-Knisja u wara tibda marċ li jispiċċa għal xi l-11.30pm fejn jinħaraq in-nar fi Triq it-Tempesta.

**It-Tnejn 15 t'Awissu** fis-7.30pm il-Banda Santa Katarina V.M. terġa' tagħti servizz fil-Qrendi, fejn tibda marċ u wara tagħmel programm mużikali ħdejn il-Każin l-antik tal-Banda Santa Marija. Wara l-purċissjoni terġa' ddoqq marċi f'għeluq il-festa.

**Il-Ħadd 21 t'Awissu** fl-10.00am jibda' marċ minn Pjazza Repubblika sa quddiem il-Maħżen il-Ġdid tas-Soċjetà fejn se ssir l-inawgurazzjoni tiegħu.

**Il-Ħadd 21 t'Awissu** fid-9.00pm il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ ġewwa Bubaqra għall-festa ta' Santa Marija.

**Il-Ħamis 25 t'Awissu** fis-7.30pm il-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel marċ minn Pjazza Repubblika sa Pjazza Mattia Preti, fejn se jkun hemm Serata Mużiko-Letterarja.

**FESTA 2005**

**Il-Ħadd 28 t'Awissu** – Ħruġ il-vara min-niċċa. Fis-7.00pm il-Banda Santa Katarina V.M. tilqa' lill-istatwa artistika ta' Santa Katarina bid-daqq ta' l-Innu Semma' Poplu. Wara il-Banda se tesegwixxi l-Innu lil Santa Katarina ta' Mro. E. Deguara, u l-Innu taċ-Ċentinarju ta' Patri Anton Briffa, minn fuq il-planċier li jintrama fi Triq P.P. Saydon. Wara li titlesta l-funzjoni ġewwa l-Knisja, il-Banda terġa' ddoqq l-Innu Semma' Poplu quddiem il-monument ta' Santa Katarina fi Pjazza Repubblika waqt it-tqegħid tal-fjuri. Imbagħad jitkompla l-marċ f'diversi toroq tar-raħal.

**SETTEMBRU 2005**

**Il-Ħamis l-1 ta' Settembru** – It-tieni jum tat-Tridu. Fit-8.30pm il-Banda Santa Katarina V.M. tibda marċ minn Triq il-Kbira sa Misraħ Repubblika. Wara tesegwixxi programm vokali u strumentali fuq il-planċier artistiku f'Misraħ Repubblika taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M.



*Il-Banda ddoqq ġewwa ż-Żejtun għall-Festa ta' Santa Katarina V.M.*

**Il-Ġimgħa 2 ta' Settembru** – L-aħħar jum tat-Tridu. Fit-8.30pm dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Katarina V.M. li tibda minn tal-Bebbux u tispiċċa f'Misraħ Repubblika. Tieħu sehem il-Banda Santa Katarina V.M.

**Is-Sibt 3 ta' Settembru** – Lejlet il-Festa. Fl-10.30am il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha minn Misraħ Repubblika, iddur ma' diversi toroq u tispiċċa għas-2.30pm fi Pjazza Repubblika.

**Il-Ħadd 4 ta' Settembru** – Jum il-Festa. Fit-8.30am il-Banda Santa Katarina V.M. takkumpanja lill-Prim Konċelebrant minn Triq Dun Ġ Zammit sa Misraħ Repubblika għall-Quddiesa Pontifikali.

Fl-10.45pm il-Banda Santa Katarina V.M. tagħlaq il-festa b'daqq ta' marċi brijużi minn quddiem il-Knisja sa Misraħ Repubblika fejn tkun akkumpanjata mill-membri tas-Sezzjoni Nar Santa Katarina.

**Il-Ħadd 25 ta' Settembru**. Fis-6.30pm il-Banda Santa Katarina V.M. tagħmel marċ għall-festa ta' Santa Katarina V.M. li ssir ġewwa d-Daħla r-Rabat.

**OTTUBRU 2005**

Il-Ġimgħa 7 t'Ottubru. Fis-7.00pm il-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel marċ minn Triq il-Kbira sa Misraħ Repubblika, fejn wara tagħmel programm mużikali fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tar-Rużarju.



**IL-MULEJ SEJĦILHOM BIEX JIDĦLU FIL-FERĦ MA' SANTA KATARINA V.M. GĦAL DEJJEM**

| | |
|---|---|
| Il-Membru Onor. Pawlu Zammit | 15/05/2005 |
| Il-Membru Lucia Schembri | 25/05/2005 |
| Il-Membru Beninju Cassar | 18/06/2005 |

***AVVIŻI***

Kunċerti tal-Banda qed ikunu kull nhar ta' Tlieta fis-7.00pm.

**TAGĦLIM U LEZZJONIJIET TAL-BANDA**

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-12.00pm – Mro. Francis Falzon – Sezzjoni Injam.

Kull nhar ta' Ħamis mill-4.15pm sas-6.30pm – Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram.

## BANDIST ONORARJU EMANUEL ATTARD

Fit-2 ta' Mejju 2005 tħabbret il-mewt tal-Bandist Onorarju Emanuel Attard, fl-età ta' 75 sena. Huwa beda jistudja l-mużika fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. għand l-għalliem ta' l-alljevi s-Sur Mikelanġ Farrugia, u ħareġ idoqq il-baxx ma' l-istess banda fl-1947. Fit-13 ta' Mejju 1956 huwa żżewweġ lil Saverja Camilleri u kellhom tlett itfal li kienu Jessie, Catherine u Mary.

Il-mewt tiegħu ġrat fid-dar tiegħu fi Triq il-Warda, iż-Żurrieq. Il-funeral sar fit-3 ta' Mejju 2005 fit-3.30p.m. fejn ġiet iċċelebrata quddiesa presente cadavere mill-arċipriet Dun Karm Farrugia u saċerdoti oħra. Wara ħadet sehem il-Banda Santa Katarina V.M. bid-daqq ta' marċi funebri, immexxija mis-Surmast Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M., imbagħad saret id-difna fiċ-ċimiterju ta' San Leone, Bubaqra. Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

***Karmenu Zerafa – President Onorarju.***

# Sotto Kumitat Armar

*- Joey Darmanin*

Din hija t-tielet newsletter li qed toħroġ għas-sena ċentinarja 2005, sena li s'issa kienet mimlija daqs bajda b'attivitajiet kbar li żgur se jagħmlu unur lil dan ir-raħal sbejjaħ taż-Żurrieq, li sa minn dejjem kien iddedikat lill-Patruna tagħna, il-kbira qaddisa Lixandrina, Santa Katarina V.M. is-sena mhux talli għadha ma spiċċatx, iżda ġej il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet, sew f'Settembru u anke fix-xhur l-oħra, fejn nagħlqu bil-kbir f'Novembru. Sena li żgur kienet imballata bix-xogħol għal ħafna nies, u mhux inqas għalina l-kumitat ta' l-armar u dawk kollha li jgħinuna. Minn qalbi f'isem il-Patruna tagħna nirringrazzjahom għas-SAGRIFIĊĊJI KBAR li saru. Issa hu wkoll iż-żmien li noħorġu l-frott tagħna u bil-ferħ kollu nħabbru żewġ attivitajiet li fihom se nżanżnu żewġ proġetti kbar afdati lilna.



*Xi xogħol ġewwa l-maħżen il-ġdid*

**Il-maħżen il-ġdid tas-Soċjetà,** bini b'ħames sulari li żgur se jkun utli ferm biex ikompli jkabbar il-festa tagħna. Il-ftuħ uffiċjali tiegħu se jsir nhar il-Ħadd 21 t'Awissu mill-10.00am 'il quddiem, bis-sehem tal-Banda Santa Katarina V.M. Wara se jkun hemm riċeviment f'għeluq il-ħames snin mit-twaqqif tas-Sotto Kumitat Armar.

**L-inawgurazzjoni tal-Pedestall il-Ġdid** li se jintrama fi Pjazza Mattia Preti. Il-lejla se tkun akkumpanjata minn serata ta' mużika u letteratura nhar il-Ħamis 25 t'Awissu mis-7.30pm 'il quddiem. Il-programm iddettaljat se jinħareġ iktar 'il quddiem.

Proġett ieħor kbir għal din is-sena hu t-tlestija ta' l-armar tal-pjazza. Kif għidnielkom qabel, din is-sena ħdimna fuq il-pilandri tas-siġar, u l-pedestall ta' Santa Katarina ta' l-aħħar tridu. B'hekk issa ser ikollna pjazza kompluta, anke b'liedna ġdida, li żgur se tpaxxi lil kull min iħares lejha. Nixtieq nieħu l-



*Antarjoli Ġodda u parti mill-ħadid tal-Pedestall il-Ġdid*

okkażjoni wkoll biex nagħti prosit tax-xogħol li sar fuq l-istatwa maestuża ta' Santa Katarina ta' Marjanu Gerada f'nofs il-Pjazza. Dina żgur tkun qiegħda tħarisna u tipproteġina, u b'hekk żgur nistgħu ngħidu li se jkollna pjazza lesta minn kollox.

Kif tafu din is-sena għandna sfidi kbar fl-armar tal-pjazez u t-toroq, għalhekk nitolbu l-għajnuna tan-nies kollha li jistgħu jgħinu. Bħal snin oħra se jkun hemm programm ta' l-armar fil-Każin. Nitolbukom tiġu intom u t-tfal tagħkom biex tagħtu sehemkom f'din l-akbar festa fiż-Żurrieq.

Inħeġġu wkoll biex min jixtieq ngħinuh itella' l-arblu, dan għandu jikkuntattjana bejn il-25 ta' Lulju u s-7 t'Awissu. Wara dawn id-dati se nkunu mħabbtin ħafna u ma jkollniex ċans biex nagħtu l-għajnuna. Nitolbukom tikkoperaw. Inħeġġukom ukoll biex itellgħu il-Bandiera taċ-ċentinarju tul is-sena kollha. Din hija sena speċjali. Inħeġġukom ukoll itellgħu bnadar oħra żgħar, tubi ħomor eċċ.

Ser terġa' tiġi mnedija il-kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata u l-isbaħ statwa armati għall-festa. Il-formoli se jkunu jistgħu jiġu miġbura mill-Każin u tibagħtuhom jew tagħtuhom lis-Sur Joey Darmanin, "Ġebel Katrin", Triq Fortunato Dalli, Żurrieq. Se jingħataw tifkiriet għall-ewwel 3 pożizzjonijiet ta' kull kategorija u dawn jitqassmu nhar il-Festa l-Kbira ta' Santa Katarina fil-25 ta' Novembru waqt l-ikla ta' nofsinhar.

Nixtieq fl-aħħar nett nirringrazzja lill-membri kollha tal-kumitat u anke dawk kollha li kienu t'għajnuna kbira tul din is-sena ta' ħidma. Infakkarkom li barra dan kollu li semmejt sar xogħol ieħor kbir fuq il-high up li xtrat is-Soċjetà, fuq il-lifter, saru antrjoli ġodda għal Triq PP Sajdon u Pjazza Mattia Preti, fistuni u liedna ġodda, manutenzjoni ta' l-armar inġenerali u ħafna xogħol ieħor li ma jidhirx. GRAZZI MILL-QALB U PROSIT LIL KULĦADD. Inkomplu flimkien naħdmu għall-Patruna Għażiża tagħna Santa Katarina V.M. ta' Lixandra.

## SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA VM ŻURRIEQ SOTTO KUMITAT ARMAR

Tistieden uffiċjalment lill-Membri kollha tas-Soċjetà, Membri li kkontribwew, ħadmu jew taf flus, benefatturi, poplu kollu Żurrieqi u lil kull min jixtieq jattendi għaż-żewġ attivitajiet kbar li se jsiru:

**21 t'Awissu - Ftuħ tal-Maħżen il-Ġdid.**

**25 t'Awissu - Inawgurazzjoni tal-Pedestall il-Ġdid.**



# Nota Amministrattiva *mis-Sur Josef Cachia*

Kull ma jmur iż-żmien dejjem qed iressaqna għall-qofol tal-Festi Ċentinarji ta' l-1700 Sena mill-Martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra li qed jiġu ċċelebrati tul din is-sena. Kemm is-Soċjetà kif ukoll il-Kumitat taċ-Ċentinarju ninsabu mpenjati f'numru kbir t'attivitajiet li ser jissoktaw tul dawn l-aħħar erbgħa xhur ta' dawn il-Festi.

Kif stajtu tinnotaw tul dawn it-tliet xhur li għaddew l-attivitajiet li ġew iċċelebrati b'konnessjoni maċ-Ċentinarju ma tellfu xejn mix-xogħol u l-attivitajiet li s-Soċjetà torganizza ta' kull sena. Hawn ma nistax ma nagħmilx referenza għall-produzzjoni tal-musical "Jisimni Katarina" li ġie ppreżentat nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2005 fuq iz-zuntier tal-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina ġewwa ż-Żurrieq. Produzzjoni li għal ħafna nies kienet issarraf xahrejn ta' mpenn kontinwu biex bl-aħjar mod inkomplu nwasslu l-messaġġ qaddis tal-Patruna tagħna. Kienet okkażjoni ferm kommoventi fejn il-folla ta' 'l fuq minn 2,500 ruħ li attendiet segwiet bir-reqqa u apprezzat ix-xogħol li ġie ppreparat. Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu kemm biex ittellgħet din il-produzzjoni kif ukoll lil dawk kollha li qed jagħtu s-sehem tagħhom biex ikunu mwettqa l-pjanijiet kollha li hemm għal din is-sena.

Il-qofol ta' l-attivitajiet ta' dawn il-festi bla dubju ta' xejn ser ikun matul il-Festa ta' Santa Katarina fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru. Il-Kumitat Ċentrali bil-kollaborazzjoni sħiħa tas-Sotto Kumitati u s-Sezzjonijiet kollha ninsabu f'impenn wieħed għal din il-Festa. L-appell tiegħi huwa wieħed fejn inħeġġeġ lil kulħadd iżomm bħala l-għan ewlieni f'dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, lill-Patruna Qaddisa Santa Katarina Verġni u Martri ta' Lixandra, sabiex bl-aktar mod xiereq nagħtuha ġieħ kif misthoqq.





**INSELLMULEK KATARINA**

C.D. b'diski oriġinali fl-okkażjoni tal-Festi Ċentinarji Katrinjani. Ixtri kopja ta' din is-C.D. għall-prezz ta' Lm5 mill-Bar tal-Każin jew mingħand xi membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.




**Palmisti 2004**

C.D. ta' marċi brijużi bil-kant, kantati minn Stephen Mizzi. Jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-Membri tal-Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti.




Harġet is-CD tal-Marċi l-ġodda 2005 mill-Banda Santa Katarina V.M. taħt id-direzzjoni tas-Surmast F. Falzon L.(Mus.), L.C.M., L.R.S.M. Akkwista kopja għal Lm5 biss.

Harġet għall-bejgħ id-DVD tal-Musical 'Jisimni Katarina' li ġie ppreżentat fl-20 ta' Ġunju 2005 fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Katarina V.M. Żurrieq. Prezz Lm10. Bookings mill-Każin.

**FLOKKIJIET BIL-LOGO TAL-FESTI ĊENTINARJI**



Jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti għall-prezz ta' Lm3.75.

**BBQ ġewwa l-Għadira**

Nhar is-Sibt 6 t'Awissu 2005 organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti

**Palmisti Fest**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se torganizza Palmisti Fest nhar il-Ġimgħa 26 t'Awissu 2005 fi Triq Don Carlo de Giovanni Nglott (fejn issir il-Lejla Maltija)

Kulħadd mistieden Divertiment garantit

**Lejla Maltija Grandjuża**

Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se torganizza Lejla Maltija Grandjuża nhar is-Sibt 27 t'Awissu 2005 fi Triq Don Carlo De Giovanni Nglott. Kulħadd hu mistieden.

**Tubi Ħomor Speċjali**

Biex nuru l-vera saħħa tal-Palmisti, ixtri tubu aħmar speċjali li jidher ferm aktar minn tubu aħmar normali. It-tubi jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Importanti - matul ix-xahar tal-festa nappelawlkom biex itellgħu tubi, bnadar, kif ukoll rope lights mal-arbli tad-djar.

# Santa Katarina ta' Lixandra fil-Ħajja Soċjali tal-Maltin ~ It-Tieni Parti

## SANTA KATARINA U Ż-ŻWIEĠ

Santa Katarina hi l-qaddisa patruna tat-tfajliet. Dari, it-tfajliet li kienu jixtiequ jiżżewġu kienu jduru bil-ħerqa lejn Santa Katarina u jitolbuha tgħinhom isibu ġuvni bil-għaqal. F'idejha kienu jafdaw xortihom. Minn hawn ħarġet l-espressjoni **Santa Katarina tal-Venturi.** Il-kelma Venturi hi kelma antika li tfisser xorti tajba. Interessanti wieħed jgħid li din id-drawwa tal-qedem li t-tfajliet jirrikorru għand Santa Katarina biex issibilhom għarus insibuha wkoll f'xi pajjiżi oħra ta' l-Ewropa, l-iktar fi Franza, fejn it-tfajliet ifittxu 'l-għarus jissejħu Catharinettes, u fejn nhar il-25 ta' Novembru joħorġu jisfilaw wara xulxin.

Ta' min jgħid li mhux biss Santa Katarina tissejjaħ tal-Venturi, iżda wkoll San Nikola u Santa Liena. It-tfajliet Siġġiwin kienu jduru tliet darbiet ma' l-istatwa ta' San Nikola fil-pjazza jitolbuh 'San Nikola kkunslani', mentri t-tfajliet Karkariżi kienu jitolbu 'Santa Liena tar-risq u tal-ħniena għallimna xortina'.

## SANTA KATARINA U L-MUŻIKA

Sa ftit tas-snin ilu meta kont tintroduċi lilek innifsek bħala Żurrieqi, kont issib xi anzjani jgħidulek **Santa Katarina żinn żinn żinn.** Aktarx li l-istess ħaġa kienu jgħidu liż-żwieten. Aktarx li l-espressjoni **Santa Katarina żinn żinn żinn** ġejja mill-fatt li kemm iż-Żejtun u kemm iż-Żurrieq kellhom element orkestrali mill-aktar bikri. Dak taż-Żejtun imur lura qabel l-1832, filwaqt li l-element orkestrali fiż-Żurrieq imur lura ferm aktar. Fil-fatt fiż-Żurrieq nafu li kienet teżisti **l-Orkestra tal-Parroċċa** jew **l-Orkestra tal-Qassisin** peress li fiha kein hemm anke xi saċerdot tal-parroċċa. Fil-kitba tal-Konti Saverino Marchesi din l-orkestra kienet iddoqq fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll fil-purċissjonijiet. Nafu li fl-1805, fil-purċissjoni ta' Santa Katarina, din l-Orkestra daqqet ukoll innu ad unur il-Qaddisa Patruna tar-raħal miktub mill-istess Konti Marchesi nnifsu.

## SANTA KATARINA U L-KALENDARJU ANNWALI

Il-festa ta' Santa Katarina ta' Lixandra tokkupa l-ġurnata għażiża tal-25 ta' Novembru – xahar eżatt qabel il-Milied. L-antenati tagħna kienu jgħidu **F'Santa Katarina, il-Milied jibqagħlu xahar ġentili** jew **Santa Katarina sal-Milied xahar ġentili 'ttina.** Il-jum tal-25 ta' Novembru kien jimmarka l-maltemp. Fil-fatt, ma' diversi qaddisin oħra, Santa Katarina hi magħrufa bħala **stilla tal-maltemp** u jekk f'Santa Katarina kienet toħroġ ġurnata sabiħa u toħroġ Santa Katarina, kien hemm il-garanzija allura li toħroġ is-Sinjura, jiġifieri l-Kunċizzjoni ta' Bormla.

## SANTA KATARINA U L-KAĊĊA

F'Malta d-delizzju tal-kaċċa kien dejjem popolari u Santa Katarina tidħol f'dan il-qasam ukoll! Il-qwiel – li għadek tismagħhom sa llum ukoll – jixhdu dan. **Santa Katarina tara gallina; Santa Katarina passi għaliha l-gallina.** Dan ifisser li ma' Santa Katarina tkun spiċċat il-gallina. Tkun telqet u jkun diffiċli ssib waħda. Fil-fatt, din it-tajra tidher għall-bidu t'Ottubru. Matul il-ġurnata tistaħba u tistrieħ. Filgħodu kmieni u filgħaxija toħroġ tirgħa tfittex x'tiekol. Tħobb tinħeba taħt il-ħarrub u ġol-qasab. Qawl ieħor marbut ma' Santa Katarina jgħid hekk: **Iċ-ċief jiġi nhar Santu Mattija u jmur f'Santa Katarina.** Qawl li jitkellem waħdu.



*Santa Katarina u l-Kaċċa. Manikin użat bħala parti minn esebizzjoni li saret fil-Każin f'Mejju 2005*

## SANTA KATARINA U L-INSIB

**F'Santa Katarina itfa' x-xbiek ġewwa l-kantina.** Ma' Santa Katarina jasal it-tmiem tal-passa ta' l-għasafar tal-għana li jpassu fil-ħarifa (vrieden, griedel, sponsuni, ġojjini, taż-Żebbuġ…). Mal-festa ta' Santa Katarina n-nassab jista' jirtira, jistenna żmien ieħor fejn l-għasafar jerġgħu jersqu lejn pajjiżna!

## SANTA KATARINA U S-SNAJJA MALTIN

Żewġ snajjiet partikulari marbuta sew ma' Santa Katarina huma **tal-kurdara** u **ta' l-imtieħen.** Il-kurdara huma dawk li jaħdmu l-ħbula. Dari, sa qabel il-gwerra, dawn il-ħaddiema kienu numerużi fil-Kottonera, speċjalment fil-Birgu. Tant li fil-Birgu, fil-Knisja ta' San Lawrenz, dawn il-kurdara kienu waqqfu **fratellanza ta' Santa Katarina**, patruna tagħhom. Din il-fratellanza għadha tieħu sehem fil-purċissjoni ta' San Lawrenz. Għandha artal ta' Santa Katarina (iż-Żwieġ mistiku) u statwa mdaqqsa tal-qaddisa li sa xi erba' snin ilu kienet titpoġġa fuq bradella f'nofs ta' knisja nhar il-25 ta' Novembru.

It-taħħana wkoll kellhom lil Santa Katarina ta' Lixandra bħala patruna. Interessanti li ż-Żurrieq għandu erba' mtieżen. Emmanuel Sammut, wieħed mill-familji tat-taħħana Żrieraq, jiftakar sew lil missieru Ġorġ b'inkwadru tal-patruna Santa Katarina fil-mitħna fuq nett jirrikorri lejha fit-talb u fil-bżonn, l-aktar meta kien ikollu bżonn tar-riħ biex jitħan il-qamħ!



*It-taħħana u Santa Katarina waqt l-esebizzjoni 'Santa Katarina - Qaddisa maħbuba u meqjuma'*

It-taħħana Maltin kienu jiddependu ħafna mir-riħ għal xogħolhom, tant li kellhom il-privileġġ jew il-permess tal-Knisja li jaħdmu wkoll nhar ta' ħadd u fil-festi kmandati, mingħajr ma jagħmlu dnub. Iżda minkejja kollox **it-taħħana Maltin ma kienu jaħdmu qatt fil-festa tal-patruna tagħhom nhar il-25 ta' Novembru.** La dak inhar u lanqas fit-3 ta' Mejju, fil-festa tas-Salib!